MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 1050/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**SANDRO SCHEMBRI ADAMI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sandro Schembri Adami, ta' 40 sena, bin Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard, nhar il-25 ta' Awissu, 1963, u residenti fil-fond numru 15, Flat 17, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 488863 (M);

Akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta' Awissu, 2004 u f'dati precedenti, fil-Belt Valletta, u f'postijiet ohra f 'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita' tieghu ta' nutar, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda fil-konfront ta' prokuri tal-mandanti Alfred Gauci et, datata 3 ta' Awissu, 2004; Yvonne Fenech et datata 10 ta' Lulju, 2004, u Eileen Agius et datata 25 ta' Gunju, 2004;

2. U aktar talli bhala ufficjal pubbliku, illi meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikkjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux;

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

5. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkonstanzi, bhala ufficjal pubbliku illi minhabba l-kariga jew impjieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjonijiet jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

6. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-akkuza ta' qabel din;

7. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi

persuna jew iggib utli, jew aktar billi xjentement ghamel uzu minn tali skrittura;

8. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 18, 180, 183, 184, 185, 186, 187(1)(2), 189, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Mill-assjem tal-provi prodotti, jirrizulta b'mod car u enivoku, li l-erba' dokumenti esebiti bhala DOK JC 1 sa DOC JC 4 a fol 191 sa 198 tal-process, fihom diversi diskrepanzi serji fil-kontenut taghhom. L-erba' dokumenti huma prokuri ta' diversi persuni favur l-imputat biex ikun awtorizzat jizbanka flus ta' eredita' u jghaddi r-rikavat lilhom. DOKs JC 1 u JC 4 huma prokuri 'originali', mentri DOKs JC 2 u JC 3 huma kopji 'awtentikati'. Kollha intuzaw billi gew presentati lill-banek lokali ewlenin mill-istess imputat - jew mill-ufficju tieghu, ghall-iskop hawn fuq riferit.

Uhud mid-diskrepanzi f'dawn id-dokumenti qed jigu kkunsidrati hawnhekk. DOKs JC 1 u JC 4 per ezempju, jidhru manifestament iffalsifikati minn xi hadd. Iz-zewg dokumenti fihom il-firem tal-persuni li qed jaghtu l-prokura, il-kitba u l-firma tal-imputat u timbru u firma ta' nutar iehor – Sarah Anne Agius. Iz-zewg dokumenti huma maghmula minn zewg faccati. Fit-tieni faccata, il-firem tal-persuni hemm indikati ma jaqblu xejn ma' dawk fl-ewwel faccata. Aktar minn hekk, fit-tieni faccata ta' DOK JC 4 hu evidenti li ntuzat pinna bl-istess tip ta' inka, jew addirittura l-istess pinna biex saru l-firem fuqha, inkluz il-firma tal-istess imputat u dik tan-Nutar Sarah Anne Agius. A kontrarju, l-ewwel faccata ta' dak id-dokument juri firem ghal kollox differenti minn dawn, u maghmula b'pinna differenti wkoll.

Dawn l-osservazzjonijiet gew ikkunstatati wkoll mill-esperti tal-Qorti li rrelataw fid-dettall f'dan ir-rigward.

Inoltre, f'kull dokument (JC 1 sa JC 4), hemm ukoll it-timbru u l-firma tan-Nutar Sarah Anne Agius bhal xhud tal-firem u tal-identita'. Huwa evidenti wkoll li dan l-hekk imsejjah timbru m'hu xejn ghajr fotokopja tal-istess timbru stampat fuq karta. Il-firma tan-Nutar Sarah Anne Agius ukoll mhix il-firma originali taghha. Dan ukoll gie ikkonstatat mill-esperti tal-Qorti fr-relazzjoniijiet rispettivi taghhhom. Ta' min jinnota wkoll f'dan ir-rigward li n-Nutar Agius ma baqghetx tahdem mal-imputat minn April 2004, mentri l-prokuri bit-timbru taghha huma kollha datati wara, senjatament Gunju 2004, Lulju 2004, u Awwissu 2004. Kien dan il-fatt li allerta lill-banek lokali  li hemm xi haga dubjuza fil-prokuri indikati.

Ghalhekk hawnhekk si tratta ta' falsifikazzjoni ta' firem, falsifikazzjoni ta' timbru u ta' firma ta' nutar pubbliku, u l-uzu tal-istess dokumenti hekk iffalsifikati. Dawn ir-reati jinkwadraw ruhhom fl-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-imputat f'din il-kawza, hlief ghas-seba' u t-tminn imputazzjoni li nghataw bhala alternattiva ghall-ohrajn. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat, u dan jirrizulta minn esami akkurat tal-provi kollha prodotti.

Ghar-rigward tal-piena, peress illi r-reati msemmija huma komprizi u involuti, u peress li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta, il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandux ikun hemm piena ta' prigunerija effettiva. Dik sospiza tkun aktar idonea f'kaz bhal dan, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tenut kont ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa li hija tassattiva ai termini tal-Ligi, liema piena ta' prigunerija sospiza' taqa' wkoll fil-parametri tal-piena applikabbli ghal dan il-kaz. Din sejra tinghata fil-massimu taghha peress li r-reat kien wiehed kontinwat u peress li kien ta' gravita'.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha, hlief is-seba' (7), u t-tminn (8) imputazzjoni li nghataw bhala alternattiva ghall-

imputazzjonijiet l-ohra, mill-liema seba’ u tminn imputazzjoni qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, u tikkudanna lill-istess imputat ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn (2), sospizi ghal erba’ (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez gudizzarji tal-esperti tal-Qorti, hekk kif indikati fil-process, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tornda inoltre l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------